MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Numru. 843/2009

**Illum 22 ta' Gunju 2012**

**Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Oliviero Filisetti**
**Mariella sive Mikel Chircop St. John**
**Matthew Joseph Sciberras**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Oliviero Filisetti ta' 59 sena, bin Giovanni u Vittoria nee' Russana, mwieled F'Numbro Bergamo, Italia fit-3 ta' Dicembru 1949 u residenti fil-fond 'Manor Court Flat 6, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u detentur tal-passaport Taljan bin-numru C924975 u l-imputata Mariella sive Mikel Chircop St. John ta' 41 sena, bint Aldo u Mary Rose nee' St. John, imwielda Attard fit-30 ta' Lulju 1968 u

residenti fil-fond ‘Magro Flats’ No.9, Triq Francis Ximenes, Salina limiti tan-Naxxar u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 360168(m) u l-imputat Matthew Joseph Sciberras ta’ 29 sena, bin Martin u Beverley nee’ Townsend, imwieled fl-Ingilterra fit-28 ta’ April 1980 u residenti fil-fond Flat 3 Blokk 11, Triq Fabrizio Bartolo, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 465794(m) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fit-28 ta’ Novembru 2008 u fix-xhur ta’ qabel din id-data assocjaw ruhhom, ma’ persuna jew persuni bil-ghan li jaghmlu delitt f’ Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Lil Oliviero Filisetti wahdu talli fl-istess zmien u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici fid-delitti hawn taht imsemmija u dan billi ta ordni u struzzjonijiet lil Mariella sive Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras sabiex jaghmlu dawn id-delitti u b’xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista fl-atti li bihom ippreparaw jew ikkunsmaw id-delitt, jew xewwixhom, inkella sahhahilhom il-volunta’ taghhom sabiex jaghmlu dawn id-delitti, jew weghdhom li wara l-fatti jassistihom jew jieqaf maghhom.

Lil Mariella sive Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras wehidhom talli fit-28 ta’ Novembru 2008 ghall-habta tad-9.00 ta’ filghodu fi Triq San Gorg, Naxxar ikkommettew serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Ford Ka bin-numru tar-registrazzjoni JSB130 ghad-dannu ta’ Joanna Beirne, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara fuq il-vettura ta’ l-ghamla Ford Ka bin-numru tar-registrazzjoni JSB130 ghad-dannu ta’ Joanna Beirne, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centemzu (€1,164.69).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ apparat cellulari tal-marka ‘Nokia’ ghad-dannu ta’ l-istess Joanna Beirne, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Matthew Joseph Sciberras talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joanna Beirne kontra l-volonta’ taghha.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Joanna Beirne taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded bil-fomm lil Joanna Beirne li joqtolha jew li jqieghdilha hajjitha f’ periklu car u ghamlilha ordni jew kondizzjoni.

F’dawn il-Gzejjer fil-15 ta’ Awwissu, 2009 u fix-xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu kwantita’ ta’ munizzjon ta’ kalibru.765, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, meta gie fil-pussess ta’ l-imsemmi munizzjoni xort’ ohra milli mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dan il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tghat l-avviz.

Lil Mariella sive Mikel Chircop St. John wahidha, b’ diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda u cioe’ talli fit-28 ta’ Novembru 2008

u fix-xhur ta' qabel u wara din id-data f' dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddedt lil Joanna Beirne li kienet se tittiehdilha hajjitha.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, talli b' din l-imgieba taghha kkagunat lil Joanna Beirne, tibza' li se tintuza vjolenza kontra taghha meta kienet taf jew missha kienet taf li l-imgieba taghha kienet se tikkaguna lil Joanna Beirne hekk tibza' tant li ghamlet diversi rapporti lill-pulizija.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddedt li taghmel reat bil-hsieb li ggieghel lil Joanna Beirne tonqos milli taghmel xi haga.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, gabet ruhha b' mod li kkagunat lill-istess Joanna Beirne, tibza' li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) meta kienet taf jew messha kienet taf li l-imgieba taghha kienet se tikkaguna li Joanna Beirne hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li hekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Joanna Beirne u l-membri tal-familja taghha jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, jew ghall-skop ta' protezzjoni ta' l-imsemmija Joanna Beirne u l-membri tal-familja taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati kollha skond l-Artikolu 412C. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-3 ta' Novembru, 2010 (inserita a fol. 396 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) Fil-konfront ta' l-imputati kollha fl-artikoli 48A (1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fil-konfront ta' Oliviero Filisetti wahdu fl-artikoli 42(a)(b)(d)(e), 86, 87 (1)(c), 261, 262(1)(a)(b)(2), 267, 271(g), 275, 276, 277(a), 279(a)(b), 280(2), 249(1)(2), 251(1)(2), 251B(1)(2) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 35A (a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fil-konfront ta' Mariella sive Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras fl-artikoli 261, 262 (1)(a)(b)(2), 267, 271(g), 275, 276, 277(a), 279(a)(b), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fil-konfront ta' Matthew Joseph Sciberras wahdu fl-artikoli 86, 87(1)(c), 249(1)(2), 251(1)(2) u 251B (1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) Fil-konfront ta' Mariella sive Mikel Chircop St. John wahdu fl-artikoli 18, 35A(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 251B (1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) Fil-konfront tal-imputati kollha fl-artikoli 17, 31, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2010 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Awwissu, 2009 l-imputata Mariella sive Mikel Chircop St. John ammettiet s-sitt (6) imputazzjoni u cioe' dik li tirrigwarda r-ricettazzjoni tal-mobile phone tal-marka Nokia.

Rat li waqt l-udjenza tal-30 t'April, 2010 l-imputat Matthew Joseph Sciberras ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfrornti tieghu.

Rat li l-imputat Matthew Joseph Sciberras iritira din l-ammissjoni waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2011.

Rat li waqt l-udjenza tas-7 t'Ottubru, 2010 l-imputat Oliviero Filisetti ammetta l-imputazzjoni ta' komplicita' ta' serq ta' mobile phone.

Rat li permezz ta' nota datata 22 ta' Lulju, 2011 l-imputat Oliviero Filsetti rtira din l-ammissjoni.

Rat li permezz ta' digriet tal-24 ta' Frar, 2011 gie nominat Dr. Peter Muscat bhala espert psikjatra sabiex jirrelata dwar l-IQ tal-imputat Matthew Joseph Sciberras u dan wara li saret id-debita talba mid-Difiza.

Rat ir-rapport tal-espert psikjatra inserit a fol. 489 sa 507 tal-atti processwali fejn gie stabbilit li l-imputat Matthew Joseph Sciberras ghandu *mental age* ta' persuna bejn 9 u 12 il-sena u li minhabba f'hekk il-kapacita' tieghu li jevalwa l-konsegwenzi tal-agir tieghu hija serjament limitata.

Ikkunsidrat:

Illi l-investigazzjonijiet li sussegwentement taw lok sabiex jigu ntavolati dawn il-proceduri nbdew wara li fis-26 ta' Novembru, 2008 l-Pulizija Ezekuttiva rceviet rapport minghand certu Joanne Alison Beirne fejn din qalet li waqt li hija kienet ghaddejja qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-regsistrazzjoni JSB 130 fi Triq San Gorg, in-Naxxar, vettura ohra ta' kulur *maroon* u qisha *landrover* kienet dahlet fuq il-vettura taghha minn wara u meta hija nizlet mill-vettura taghha sabiex tivverifika xi hsara kien hemm fil-vettura taghha wiehed miz-zewgt irgiel li kienu rekbin fil-vettura li dahlet fiha, specifikatament il-*front seat passenger*, nizel mill-vettura, heddida b'arma u gieghlha issuq minn fuq il-post billi rikeb maghha fil-vettura taghha. Beirne qalet lil Pulizija li hija mbghad irnexxilha tahrablu u dahlet titlob l-ghajnuna gewwa hanut bl-isem ta' *Charles Store*. Joanne Beirne qalet lil Pulizija li dan ir-ragel kien telaq bil-vettura u t-telephone cellulari taghha li kien tal-marka Nokia u li kienet tuzah bin-numru tat-telephone 99292919. Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f'dan il-kaz, is-Supretendent Carmelo Magri[1],

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 41 sa 48 tal-atti processwali.

jirrizulta li l-vettura ta’ Beirne instabet xi ftit sieghat wara li kien dahal ir-rapport, abbandunata f’parkegg hdejn il-JB Stores fl-Iklin. Mill-istess xhieda jirrizulta wkoll li wara li l-Pulizija talbu dettalji lis-*service providers* koncernati sabiex jaghtuhom informazzjoni dwar l-uzu tal-*mobile phone* li kien ittiehed lil Beirne gie stabbiilt li dan intuza ma zewg linji cellulari li kienu *prepaid* u mhux registrati izda sussegwentement irrizulta li dan kien intuza mill-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John u l-Pulizija rrizultalha wkoll li din il-persuna kienet issuq vettura li kienet simili hafna ghal dik id-deskrizzjoni tal-vettura moghtija minn Beirne. Irrizulta wkoll li meta Chircop St. John kien qed jigi skortat mill-Pulizija huwa rema’ SIM card bin-numru 99528025 li wara rrizulta li kienet tintuza sabiex jintbaghtu messaggi anonimi lil Beirne fejn hija kienet tigi minaccjata u mhedda. Il-Pulizija wasiu sabiex arrestaw lil ko-akkuzati l-ohra Matthew Sciberras u Oliviero Filisetti abbazi ta’ dak li qalilhom l-imputat Chircop St. John. L-imputati lkoll irrilaxxjaw stqarrijiet lil Pulizija [2] fejn essenzjalment qalulhom li l-imputat Oliviero Filisetti kellu relazzjoni mal-vittma Joanna Beirne u ma kienx qed jafdaha u ried ikun jaf x’kienet qed taghmel waqt li huwa jkun l-Italja. Meta tkellem mal-imputat Chircop St. John li kien habib tieghu gie miftiehem li kellhom isibu terza persuna, li kien l-imputat Matthew Sciberras, u huma ftehmu li Chircop St. John u Sciberras kellhom isegwu bil-karozza lil Beirne u jidhlu fiha minn wara u wara li hija tieqaf bil-vettura sabiex tara x’gara waqt li wiehed minnhom ikun qed ikellimha u jaljenaha, l-iehor jehdilha il-*mobile phone* li skond Filisetti hija kellha l-abitudni li thalli fuq is-*seat* tal-vettura sabiex b’hekk Filisetti ikun jista’ jara l-*contacts* li hija kellha fuq il-*mobile phone*. Sciberras u Chircop St. John, izda qalu li l-affarijiet ma marrux kif pjanat peress li Beirne saqet lejn il-gemb u Chircop kellu jsuq ghaliex kien qed jimblokka t-triq u Sciberras ma rnexxilux jiehu l-*mobile phone* minn fuq is-*seat* u ghalhekk iddecida li jirkeb fil-vettura ma Beirne u jghidilha ssuq ghaliex beza’ jkollu jghid lil Filisetti li ma kienx irnexxielu jiehu t-*telephone* ta’ Beirne. Dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mit-tlett imputati jinghad mal-ewwel li stante li mill-atti jirrizulta li dawn ittiehdu minghajr ma t-tlett

[2] Inseriti a fol. 68 sa 80 tal-atti processwali.

imputati inghataw l-opportunita’ li qabel jikkonsultaw ma’ avukat u ghalhekk in linea ma zviluppi kostituzzjonali recenti l-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni bhala prova ghal finijiet ta’ sejbien ta’ htija o meno dak li l-istess imputati qalu f’dawn l-istqarrijiet.

Ikkunsidrat:

Illi Joanna Beirne xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 t’Ottubru, 2009 fejn wara li rrakkuntat kif il-vettura *maroon* kienet dahlet fiha minn wara u qalet li meta hija nizlet sabiex tivverifika x’kien gara, nizel ragel li kien passiggier fil-vettura l-ohra filwaqt li s-sewwieq irriversja u saq u meta hija staqsiet lir-ragel l-iehor fejn kien mar is-sewwieq, huwa qalilha li kien ser jerga’ jigi lura. Beirne qalet li waqt li hija kienet qed tiftah il-*passenger door* tal-vettura taghha u titbaxxa sabiex iggib il-*mobile phone* li kien fuq id-*dashboard* ir-ragel li kien nizel mill-vettura hareg *gun* mill-komma u ghamilulha mal-gemb ta’ rasha u qalilha ‘*shut up and drive’*. Hija qalet li dahlet fil-vettura taghha u r-ragel dahal maghha u beda’ jghidilha sabiex issuq lejn garaxx Pembroke u hija bdiet tghidlu sabiex ma jaghmlilha xejn ghaliex kellha tifel zghir. Hija identifikat lill-imputat Matthew Sciberras bhala l-persuna li kien nizel mill-vettura li dahlet fiha u qalet li meta kienu fil-vettura dan hadilha l-*mobile phone* minn fuq id-*dashboard* u waqt li huwa nehha l-*gun* minn idejh u kien qed ipoggi il-*mobile phone* taghha fil-but hija aprofittat ruhha minn dan il-fatt u mill-fatt li kellha tieqaf ghaliex kien hemm mara b’tifel qed taqsam it-triq u hija ghalhekk harget tigri mill-vettura u tgerbet mal-art  u dahlet tigri ghand hanut tal-*grocer* bl-isem  ta’ “Charles Store” u rat lill-imputat Sciberras jaqbez fid-*driving seat* u jsuq bil-vettura taghha. Hija spjegat li precedentement kienet irceviet messaggi ta’ theddid fuq il-*mobile phone* taghha 99292919 u qalet ukoll li kienet inharqitilha il-vettura li kienet parkeggjata fil-garaxx fejn l-unika persuna li kellu *command* iehor ghal dan il-garaxx kien l-imputat Oliviero Filisetti.  Meta hija giet murija r-*rifle*, l-*air pistols* u tlett *radios* immarkati bhala Dok. WM1 sa Dok. WM5 u li gew esebiti f’dawn il-proceduri minn PS 959 Wistin Micallef,

hija m'gharfet ebda wiehed jew wahda minn dawn l-oggetti. Joanna Beirne regghat xehdet in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2011 fejn hija cahdet li kellha relazzjoni mal-imputat Oliviero Filisetti u qalet li kienet tafu biss ghaliex kienet tikrilu appartament. Meta giet rinfaccjata mid-Difiza b'diversi dokumenti u biljetti tal-ajru[3] li kienu jindikaw li bejn l-2006 u l-2009 hija kienet sifret diversi drabi mal-imputat Filisetti fejn huwa kien hallas ghall-ispejjes kollha nvoluti hija mbaghad ammettiet li kienet sifret mieghu f'dawn l-okkazzjonijiet. Meta hija giet mistoqsija jekk kienx minnu li kienet hi li stiednet lill-imputat Matthew Joseph Sciberras sabiex jidhlu fil-vettura taghha jistennew lil *warden* hija cahdet u qalet li kienet dahlet fil-vettura ghaliex l-imputat Sciberras kien wriha pistola. Joanna Beirne regghet xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2011 u dan wara li hija kienet avvicinat lill-Ufficjal Prosekutur f'din il-kawza u nfurmatu li xtaqet ticcara xi affarijiet u hija fil-fatt qalet li kienet tiehu xi medikazzjoni li kienet tikkawzalha *dementia* u li issa ftakret li fil-fatt lill-imputat Matthew Joseph Sciberras kienet qaltlu hi sabiex jidhol fil-vettura taghha halli jitkellmu ghaliex kienet niezla x-xita u li hija kienet dahlet fil-vettura taghha u saqet minn jeddha u mhux ghaliex rat xi pistola. Hija qalet ukoll li kienet hi li qabdet u qabzet il-barra mill-vettura u hallietha f'nofs it-triq u mhux l-imputat li hadilha. Hija qalet ukoll li Sciberras fl-ebda hin ma kien vjolenti maghha jew uza xi kliem jew agixxa b'mod tali li bezghat li kien ser joqtolha jew iweggaghha. B'daqxejn riluttanza hija ammettiet ukoll li fil-passat kelha relazzjoni mal-imputat Oliviero Filisetti.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2011 fejn wara li spjega li meta sar jaf lill-ko-akkuzat Filisetti dan kien qallu li kellu relazzjoni ma' Joanna Beirne u li din kienet qed tghaddih biz-zmien u twegghu emozzjonalment. L-imputat Chircop St. Jonh jghid li huwa kien ra lil Beirne diversi drabi *f'restaurants* ma rgiel ohra

---

[3] Inseriti a fol. 423 et sequitur tal-atti processwali.

izda qatt ma ghadda din l-informazzjoni lil Filisetti ghaliex irraguna li eventwalment dan kien jinduna wahdu. Huwa qal li peress li Filisetti ma kienx jaf bil-Malti kien jghaddielu messaggi sabiex jitraducihom u jibghathom bil-*mobile phone* tieghu lil Beirne sabiex ibezzaghha u mbaghad din minhabba li tibza', titlob l-ghajnuna lil Filisetti. Huwa qal ukoll li Filisetti talbu pjacir sabiex jotjeni il-*mobile phone* ta' Beirne, liema *mobile phone* kien xtralha huwa (Filisetti) stess, halli b'hekk huwa jkun jista' jikkontrolla x'*contacts* kellha u ma min kienet qed tikkomunika. Chircop St. John jghid li Filisetti kien qallu li Beirne kienet tghaddi minn triq fin-Naxxar wara li twassal lit-tifel l-iskola u gie deciz li jinvolvu lil Matthew Sciberras sabiex wara li jidhlu fil-vettura ta' Beirne taparsi habtu fiha minn wara u hija tinzel mill-vettura taghha sabiex tara l-hsara, Chircop St. John jaljenaha bil-kliem filwaqt li Sciberras jehdilha il-*mobile phone* mill-vettura. Chircop St. John izda spjega li meta huwa dahal minn wara fil-vettura ta' Beirne din resqet il-vettura taghha mal-gemb u peress li huwa kien qed jimbloka it-triq kien hemm vetturi warajh li bdew idoqqulu l-*horn* u t-triq kienet *one way* u huwa rriversja u dar id-dawra sabiex imur lura izda meta rritorna fil-post fejn kien halla lil Beirne u lil Sciberras la sab lilhom hemm u l-anqas il-vettura ta' Beirne. Huwa qal li xi tlett ijiem wara Sciberras ikkomunika mieghu u ghaddielu l-*mobile phone* li kien ha minghand Beirne.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat Oliviero Filisetti qed jigi addebitat b'zewg imputazzjonijiet u cioe' bl-imputazzjoni ta' assocjazzjoni ma' terzi persuni sabiex jigu kommessi reati hawn Malta kif ukoll b'komplicita' mal-istess terzi persuni sabiex jaghmlu dawn id-delitti. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza ta' Oliviero Filisetti li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li pruvat ebda wahda minn dawn l-imputazzjonijiet sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif tilob il-ligi. Dan jinghad ghaliex kif diga' gie spjegat aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Filisetti ma tistghax titqies bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija ghaliex huwa rrilaxxja din l-istqarrija minghajr ma qabel

inghata l-opportunita' jikkonsulta ma avukat. Inoltre dak li xehed l-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John l-anqas ma jista' jittiehed in konsiderazzjoni stante li dak li jghid ko-akkuzat fil-konfronti ta' ko-akkuzat iehor mhux prova ammissibbli fil-konfronti tal-ko-akkuzat l-iehor. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-atti processwali ma' sabet ebda prova ohra li b'xi mod tallaccja lill-imputat Filisetti ma' dak li ghamlu Sciberras u Chircop St. John. L-imputat Oliviero Filisetti sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi anki z-zewg imputati l-ohra u cioe' Matthew Sciberras u Mariella sive Mikel Chircop St. John jinsabu addebitati bl-imputazzjoni ta' assocjazzjoni. Il-Qorti jidrilha li din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata biss fil-konfronti tal-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John ghaliex fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa jammetti li kien assocja ruhu ma' Filisetti u ma' Sciberras fejn ftehmu li jahbtu fil-vettura ta' Beirne sabiex b'hekk ikunu qed jikkommettu r-reat ta' hsara volontarja u imbaghad jehdulha l-*mobile phone* minn fuq is-*seat* tal-vettura. Dak li qal l-imputat Chircop St. John m'huwiex ammissibblli bhala prova fil-konfronti tal-imputat Matthew Sciberras u l-Prosekuzzjoni ma' rnexxilha ggib ebda prova ohra li tindika li Matthew Sciberras kien involut f'xi pjan ma' Filisetti u Chircop St. John sabiex jikkommettu delitt hawn Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John ammetta l-imputazzjoni tar-ricettazzjoni tal-*mobile phone* propjeta' ta' Joanna Beirne u fi kwalunkwe kaz mix-xhieda tieghu stess fil-fatt jirrizulta li huwa rcieva il-*mobile phone* li kien ha Sciberras mill-vettura ta' Beirne u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. Isegwi li huwa ma' jistghax jinstab hati tal-imputazzjoni ta' serq in kwantu jirrigwarda l-*mobile phone*. Il-Qorti jidrilha inoltre li l-imputat Chircop St. John l-anqas ma' jista' jinstab hati tal-imputazzjoni tas-serq tal-vettura ta' Beirne ghaliex kemm mix-xhieda ta' Beirne kif ukoll mill-istess xhieda ta'

Chircop St. John jirrizulta li kien Sciberras wahdu li dahal fil-vettura taghha u sussegwentement telaq bl-istess vettura. Il-Qorti inoltre jidrilha li mill-provi jirrizulta wkoll pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat Chircop St. John ikkaguna hsara volontarja fil-vettura ta' Joanna Beirne liema hsara giet indikata li kienet fil-valur ta' elf tliet mija u sebgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€1337.99)[4] u dan jinghad ghaliex mix-xhieda tal-istess Chircop St. John jirrizulta li huwa segwa lil Beirne bil-vettura tieghu u ghazel li jahbat fil-vettura taghha fuq wara sabiex hija tieqaf u tinzel mill-vettura. Il-Qorti jidrilha li mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat Chircop St. John huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih wahdu fejn huwa qed jigi akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 251B(1) u (2) tal-Kodici Kriminali kif ukoll b'dak kontemplat fl-Artikolu 35A(a),(b) u (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati kemm mir-rapport tal-espert tekniku Martin Bajada kif ukoll mill-istess xhieda ta' Chircop St. John li jghid li huwa kien jibghat messaggi b'certu kontenut intiz sabiex ibezza lil Beirne sabiex din imbaghad tikkomunika ma' Filisetti. Il-fatt li huwa kien jitraduci u mbaghad jibghat il-messaggi li kien jindikalu Filisetti ma' tezonerahx mir-responsabilita' ghall-kontenut ta' dawk il-messaggi li fuq kollox kien jibghathom hu mill-*mobile phone* tieghu u bl-intenzjoni li jinduci biza' f'Beirne.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba fl-konfronti tal-imputat Matthew Sciberras, il-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni biss ix-xhieda ta' Joanna Beirne stante li la l-istqarrija rilaxxjata minn Sciberras u l-anqas dak li xehed l-imputat Chircop St. John ma' jistghu jitqiesu bhala provi ammissibbli fil-konfronti tieghu. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' Beirne jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat Sciberras seraq il-*mobile phone*. It-tibdil fil-verzjonijiet dwar il-fatti moghtija minn Beirne izda ihallu dubju dwar jekk l-imputat Sciberras jistghax jinstab hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu, u cioe' l-arrest illegali ta' Beirne, s-serq tal-vettura taghha u

[4] Vide dokument esebit minn Joanna Berine inserit a fol. 369 tal-atti processwali.

l-uzu ta’ vjolenza u theddid fil-konfronti taghha. Dan jinghad ghaliex fl-ahhar okkazzjoni li Beirne xehdet f’dawn il-proceduri hija ndikat li kienet hija stess li stiednet lil Sciberras sabiex jidhol fil-vettura taghha sabiex jitkellmu u kienet hija li abbandunat il-vettura taghha u hallitu wahdu fl-istess vettura. Hija inoltre qalet li huwa ma’ qalilha ebda kliem ta‘ theddid jew li jbezzaghha. Dan id-dubju ghandu ovvjament jimmilita favur l-imputat u huwa mhux ser jinstab hati tal-imsemmija imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu. Dwar l-imputazzjoni ta’ hsara volontarja fil-vettura ta’ Beirne jinghad li mix-xhieda tal-istess Beirne jirrizulta minghajr dubju li kien Chircop St. John li qed isuq il-vettura u ghalhekk huwa biss jista’ jinstab hati li volontarjament ikkaguna l-hsara fil-vettura ta’ Beirne. Dwar l-imputazzjonijiet rigward il-pussess ta’ munizzjon minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija irid jigi rilevat li l-Avukat Generali ma’ ndika ebda Artikolu tal-ligi riferibbli ghal dawn ir-reati u ghalhekk il-Qorti ma tistghax issib htija in kwantu jirrigwarda l-munizzjon bla licenzja li nstab fir-residenza tal-imputat Sciberras.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Matthew Sciberras, il-Qorti kkunsidrat il-konkluzjonijiet tal-espert psikjatra Dr. Peter Muscat dwar il-*mental age* ta’ Sciberras u jidrilha li fic-cirkostanzi l-aktar piena idoneja tkun il-hrug ta’ Probation Order sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex ma jergghax jaqbad it-triq tal-kriminalita’.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Chircop St. John, il-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li huwa ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li huwa kkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni ghal wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri tal-proceduri u ghalhekk jidrilha li piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Oliviero Filisetti mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-3 ta' Novembru, 2010 u senjatament l-Artikoli 48A(1), (2)(3)(4), 325(1)(b), 334, 18, 251B(1)(2) u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 35A(a), (b) u (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John hati tal- imputazzjoni ta' assocjazzjoni, kif ukoll tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ta' Matthew Sciberras wahidhom u tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti ta' Chircop St. John u Sciberras wahidhom in kwantu din hija riferibbli ghall-imputat Chicop St. John stante li huwa qed jinstab hati tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoini. Il-Qorti tiddikjara lil-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-3 ta' Novembru, 2010 u senjatament l-Artikoli 261, 267, 271(g), 279(a), 280(2) u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Matthew Joseph Sciberras hati tal-imputazzjoni rigwardanti s-serq tal-*mobile phone* mill-vettura ta' Joanna Beirne u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggieh taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Sciberras mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati Mariella sive Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti jhallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta' elfejn sitt mija u tnejn u sittin ewro u wiehed u sebghin

centezmu (€2,662.71) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghall-Probation Services sabiex jinhatar il-kandidat idoneju sabiex jissorvelja lill-hati Matthew Joseph Sciberras.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------